# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 12/2016**

Il-Pulizija

vs

**Sandro Attard**

iben George, imwieled Pieta', fl-1 ta' Dicembru, 1976, detentur tal-karta tal-identita' numru 23177(M)

Illum 13 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Sandro Attard quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Akkużat talli fit-2 ta' April, 2015 għall-ħabta tal-erbgħa neqsin kwart ta' wara nofs inhar (15.45hrs) fl-inħawi tal-Magħtab l/o Naxxar u fil-ġranet ta' qabel, ħa jew ipprova jieħu għasafar, matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar u dan bi ksur tar-Reg 18 (1) (c) , L.S. 504.71;

Akkużat ukoll talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg. 12(1) ta' I-A.L.79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew pprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha Reg 4(1)(a) tas-L.S. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża xi xbieki u dan bi ksur tar-Regolament 7(1)(e) tal-L.S. 504.71

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża jew żamm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa projbit that is-subregolament (1) ta' regolament 7 tal-L.S. 504.71 u dan bi ksur ta' regolament 7(2) tal-L.S. 504.71.

Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ha jew pprova jieħu xi għasfur billi uża xi lixki ta' għasafar protetti u dan bi ksur ta' regolament 7(1) (i) tal-L.S. 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4 (1)(a), 18 (1)(c) u s-subregolament (1) ta' regolament 7, 7(2), 7 (1)(i) tal-L.S. 504.71 u regolament 12 (1) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat L.S. 504.71, sabet lill-imputat Sandro Attard ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal multa ta' elf u ħames mitt Ewro u inoltre ordnat s-sospenzjoni tal-liċenzja għal żmien sentejn mil-lum taħt Regolament 504.71.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Sandro Attard minnu pprezentat fl-20 ta' Jannar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha timmodifika s-sentenza appellata tat-13 ta' Jannar, 2016 u dan billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata kwantu sabet lil esponenti ħati tal-akkużi kollha kif dedotti u filwaqt li tilqa' l-aggravji tal-esponenti, tilliberaħ minn kull akkuża kif dedotta u dan taħt dawk id-direttivi li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1)Illi tul il-proċeduri kollha min imkien ma rriżulta li l-esponenti, f'xi ħin instab jonsob ma' Saviour Attard .

Illi waqt is-smiegħ tal-provi, l-ebda Uffiċċjal tal-Pulizija, u cioe l-unika xhieda fuq il-post u ħin tal-inċident, ma ddikjara li ra lil esponent jonsob. L-unika testimonjanza kienet dik tal-esponenti illi qal hu stess illi waqaf ikellem lil sieħbu Saviour Attard li kien jinsab jonsob.

Illi li individwu jieqaf sempliċement jitkellem ma jista' qatt jammonta għal każ ta' ksur ta' xi dispozizzjoni tal-liġi stante li ma jeżistux elementi rikjesti mill-liġi ta' mens rea u actus reus.

Illi għalhekk l-esponent kellu jiġi liberat minn kull akkuża kif dedotta.

2)Illi l-anqas ma nġibu xi provi illi l-esponent kien ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja xi għasfur li huwa protett.

Illi l-unika persuna li ddikjarat li kienet qed tipprova tikkaċċja jew taqbad xi għasfur kien Saviour Attard li bl-ebda mod ma implika lill-esponenti. Illi għalhekk din l-ammissjoni flimkien max-xhieda tal-pulizija minn imkien ma jirrizulta li l-esponenti kien fil-fatt qed jonsob.

3)Illi ma hux minnu illi l-esponenti kien qed juża xi xbieki, lixki jew apparat li l-użu tiegħu kien projbit f'dak l-istaġun.

Illi għalhekk ukoll l-esponenti kellu jiġi liberat minn kull akkuża kif dedotta.

4)Filwaqt li jinnota wkoll illi fl-għoti tas-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti hemm nuqqas kbir ta' formalita hekk li ma gewx kwotati l-artikoli tal-ligi filwaqt illi ngħatat sentenza li mhix motivata.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din huwa każ sommarju u x-xhieda ma ġietx rekordjata u wisq anqas traskritta għaldaqstant din il-Qorti fliet bir-reqqa d-dokumenti ezebiti quddiem l-ewwel Qorti.

1) Illi fir-rigward **tal-ewwel aggravju** PC 804 u PC 544 jagħmlu dikjarazzjoni ċara fl-affidavit tagħhom u cioe' li lil appellant kienu sabuh waħdu ġod-dura u li dak il-ħin kien qiegħed jonsob għall-għasafar tal-għana waqt staġun magħluq. Jiddeskrivu saħansitra l-għasafar tal-għana x'kienu. Inoltre, kien hemm żewġ mnasab armati u mhux wieħed. Madankollu, l-appellant fl-ebda ħin ma jinforma l-Pulizija li kien qiegħed hemm jżur ħabib tiegħu, huwa jinfurmhom biss li l-post fejn kien qiegħed ma kienx tiegħu għax staqsewh. U jekk kien qed iżur ħabib tiegħu ma joqgħodx waħdu ġod-dura.

   Għaldqastant l-ewwel mhux qed jiġi milqugħ.

2) It-**tieni aggravju** mressaq huwa l-fatt li ma nġibux provi li kien qed jikkaċja jew jipprova jikkaċja xi għasfur protett. Meta qabduh il-pulizija l-istaġun għall-għasafar tal-għana kien magħluq u kien qed jonsob pero' ma kienx hemm provi li kien hemm għasfur protett.

   Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.

3) It-**tielet aggravju** jirrigwarda l-użu ta' xbieki, lixki jew apparat li l-użu tiegħu huwa projbit f'dak l-istaġun. Inkwantu , jirrigwarda dan l-aggravju, għalkemm il-Pulizija

jiddeskrivu lli kien hemm żewġ mnasab armati ma jagħmlux referenza għall-apparat li kien qed jiġu użat.

Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.

4) ) Illi **r-raba' aggravju** mressaq mill-appellant jirrigwarda n-nuqqas ta' artikoli u nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza. Skont is-sentenza li hawn fl-atti l-artikoli huma kollha kkwotati.Fir-rigward tan-nuqqas ta' motivazzjoni l-**Artikolu 382 tal-Kap 9** li jiddeskrivi x'għandu jkun fiha s-sentenza jgħid is-segwenti :

*'Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.'*

In oltre, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-każ Pulizija vs Stephen Desira deċiża (Appell Numru 205/2005) fit-3 ta' Novembru, 2005 qalet li:

*'......... Hu risaput li fis-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fil-kompetenza tagħha kontemplata fl-artikolu 370 (1) tal-Kodiċi Kriminali, ma hux meħtieġ li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata. Li hu importanti ad validitatem hu li, kif jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat. Huwa n-nuqqas ta' xi waħda minn dawn it-tlitt rekwiżiti li jwassal għan-nullita' tas-sentenza appellata, stante li jkun jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali.*

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet peress li l-artikoli qegħdin fis-sentenza u peress li hija kawża sommarja u l-motivazzjoni mhux waħda mir-rekwiżiti milli x'għandu jkun hemm fis-sentenza skont l-artikolu hawn fuq ċitat u skont il-ġurisprudenza. Ir-raba' aggravju mhux qed jiġi milqugħ.

Għaldaqstant  għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Tħassar u tirriforma s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabitu ħati tat-tielet, raba', ħames u sitt akkuża miġjuba fil-konfronti tiegħu u ghalhekk tehilsu minn kull piena u htija. Inoltre, filwaqt li tikkonferma s-sospensjoni tal-liċenżja għal żmien sentejn millum tvarja il-multa minn elf u ħames mitt Ewro (1,500 Ewro) għall-ħames mitt Ewro (500 Ewro).